# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Wieħed u Għoxrin (21) ta' Marzu 2023**

**Rikors Numru 397/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**Avv Joseph Mizzi bħala mandatarju speċjali ta'**
**Svetlana Olenkovskaya**
**(detentriċi tal-Passaport Russu bin-numru 753465660)**

**Vs**

**Zenith Trading Limited**
**(C 71382)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 12 ta' Mejju 2022, li permezz tiegħu r-rikorrent nomine talab is-segwenti:

   1. *Illi s-soċjeta' intimata ġiet ingaġġata mill-attriċi għall-bejgħ ta' prodotti kif jirriżulta mill-kuntratt ta' provvista (xiri u bejgħ) datat 21 ta' Frar tas-sena 2020 (vide Dok. A);*

   2. *Illi permezz tal-kuntratt hawn anness (vide Dok. A) is-soċjeta' intimata obbligat ruħha li tbigħ lill-attriċi numru ta' prodotti kif aħjar deskritti fl-ispeċifikazzjoni bin-numru tar-referenza 08/2020 annessa mal-kuntratt surreferit, kopja ta' liema qieghda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B;*

   3. *Illi fir-rigward tal-kuntratt surreferit, l-attriċi ħallset is-somma totali ta' sebgħa u sittin elf, disa' mija u wieħed u disgħin euro (€67,991) maqsumin f'żewġ pagamenti, speċifikament, depożitu ta' sittax-il elf euro (€16,000), u*

*pagamenti bankarju fl-ammont ta' wieħed u ħamsin elf u disa' mija u wieħed u disgħin euro (€51,991) hekk kif jirriżulta mid-dokument kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dok. C";*

4. *Illi sussegwentament l-attriċi ordnat xi prodotti oħra mis-soċjeta' intimata, kif aħjar deskritti fl-ispeċifikazzjoni bin-numru ta' referenza 18/2020 (vide "Dok. D"), u pproċediet sabiex tħallasha somma ulterjuri ta' sebat elef mitejn u tnejn u tletin euro w erbgħin ċenteżmu (€7,232.40) (vide "'Dok. E");*

5. *Illi b'daqstant l-attriċi ħallset lis-soċjeta' intimata total ta' ħamsa w sebgħin elf, mitejn u tlieta w għoxrin euro w erbgħin ċenteżmu (€75,223.40) għall-prodotti dettaljati fl-ispeċifikazzjonijiet bir-riferenza 08/2020 u 18/2020,*

6. *Illi mid-data tal-kuntratt ta' provvista s-soċjeta' intimata forniet biss numru żgħir ta' oġġetti, b'valur totali ta' disat elef, disa' mija u tmienja w għoxrin euro (9,928), u speċifikament dawk identifikati fid-dokument hawn anness w immarkat bħala "Dok F".*

7. *Illi wara ilment li sar mill-attriċi (vide "Dok. G") rigwardanti l-inadempjenza kuntrattwali tas-soċjeta' intimata fil-forniment tal-prodotti li ntrabtet li tforni lill attriċi, is-soċjeta' intimata qablet u kkonfermat li ser tħallas lura s-somma ta' wieħed u sittin elf ħames mija u tmienja u tletin euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€61,538.93) lill-attrċci, hekk kif jirriżulta mill-ittra datata ħamsa (5) ta' Awwissu 2021 (vide "Dok. H") — u liema offerta ġiet debitament aċċettata mill-attriċi (vide "Dok. I");*

8. *Illi sad-data tal-preżentata ta' dawn il-proċeduri, is-soċjeta' intimata, għadha moruża fit-twettieq tal-obbligazzjonijiet tagħha fil-konfront tal-attriċi ai termini tal-kuntratt hawn fuq imsemmi (vide "'Dok A") dan minkejja diversi assigurazzjonijiet u wegħdiet da parti tagħha;*

9. *Illi s-soċjeta' intimata hija għalhekk debitriċi tal-attriċi fis-somma ta' wieħed u sittin elf, ħames mija u tmienja u tletin euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€61,538.93);*

10. *Illi l-imsemmi ammont ta' wieħed u sittin elf, ħames mija u tmienja u tletin euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€61,538.93), huwa dejn ċert, likwidu u dovut u li ma jikkostitwix fl-eżekuzzjoni ta' xi fatt, mis-soċjeta' intimata lill-attriċi u għalhekk fil-fehma tal-attriċi jikkonkorru l-elementi preskritti mill-ArtikoIu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiza bid-dispensa tas-smiegħ, billi fil-fehma tal-istess attriċi, s-soċjeta' intimata m'għandiex eċċezzjonijiet xi tressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont;*

11. *Illi l-attriċi taf b'dawn il-fatti personalment, u dan kif elaborat aħjar fl-affidavit tagħha stess, hawn anness u mmarkat bħala "Dok. J";*

*Tgħid għalhekk is-soċjeta' intimata għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara li s-soċjeta' intimata Zenith Trading Limited hija debitriċi tal-attriċi għas-somma ta' wieħed u sittin elf, ħames mija u tmienja u tletin Euro u tlieta u disgħin ċenteżmu ħlas għall-prodotti li kellhom jiġu provduti lill-istess attriċi iżda li ma ġewx provduti;*

3. *Tikkundanna lis-soċjeta' intimata Zenith Trading Limited sabiex tħallas lill-attriċi Svetlana Olenkovskaya s-somma ta' wieħed u sittin elf, ħames mija u tmienja u tletin Euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€61,538.93), għar-raġunijiet kif fuq dettaljati;*

*Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet kontra s-soċjeta' intimata li r-rappreżentanti tagħha qed jiġu nġunti minn issa għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fis-27 ta' Frar 2023, giet notifikata s-soċjeta' intimata permezz ta' affissjoni fl-uffiċini tagħha ġewwa 35/2, Triq G Cali, Ta' Xbiex, kif ukoll ġewwa l-Għassa ta' l-Imsida u Kunsill Lokali ta' ta' Xbiex.

3. Rat illi, fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2023, deher **Luca Bongiluppi**, rappreżentant tas-soċjeta' intimata, illi, bħala rappreżentant tas-soċjeta' intimata, filwaqt li ta' ruħu notifikat bl-atti, ammetta quddiem il-Qorti illi l-ammont mitlub kien dovut, filwaqt illi għarraf illi s-soċjeta' intimata kellha bżonn żmien biex tħallas.

4. Rat illi in vista ta' tali ammissjoni, il-partijiet talbu lill-Qorti sabiex tipproċedi bis-sentenza tagħha.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet l-ammissjoni tar-rappreżentant tas-soċjeta' intimata, ossija Luca Bongiluppi, illi saret seduta stante;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba kif dedotta u, konsegwentement:

**Tiddikjara** li s-soċjeta' intimata Zenith Trading Limited hija debitriċi tal-attriċi għas-somma ta' **wieħed u sittin elf, ħames mija u tmienja u tletin Euro u tlieta u disgħin ċenteżmu** ħlas għall-prodotti li kellhom jiġu provduti lill-istess attriċi iżda li ma ġewx provduti;

**Tikkundanna** lis-soċjeta' intimata Zenith Trading Limited sabiex tħallas lill-attriċi Svetlana Olenkovskaya s-somma ta' **wieħed u sittin elf, ħames mija u tmienja u tletin Euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€61,538.93)**.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni u imgħax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, ikunu kollha a kariku tas-soċjeta' intimata.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**